# L-Istorja ta parroċċa żagħżugħa San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara

*Paul A. Attard*

Il-parroċċa ta' Santa Liena għandha storja twila sa mill-anqas l-1360. Fl-1436 kienet rikonoxxuta mill-Isqof Duzzina bħala waħda mill-għaxar parroċċi ta' Malta. Fil-fatt, minnha ħarġu madwar ħamsa u għoxrin parroċċa. Il-Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem hi waħda mill-aħħar wild tal-Parroċċa ta' Santa Liena. San Ġużepp Ħaddiem hi parroċċa umli ħdejn l-istorja glorjuża ta' Santa Liena. Iżda xorta għandha l-istorja tagħha.




Fil-bidu tas-snin sittin, il-Kapitlu u l-Prepostu Arċipriet Mons Ignazio Sciberras Psaila tal-Bażilika ta' Birkirkara, aċċettaw art mogħtija minn benefettur kbir, is-Sur Joseph Zerafa, biex tinbena knisja għal żona li bdiet tikber u tinbena ftit 'il bogħod mill-Bażilika. Il-pjanta tal-knisja saret mill-periti Mortimer & Degiorgio filwaqt li l-imgħallem Abram Schembri kellu f'idejh il-bini u kien mgħejjun minn ħuh Nazzarenu, li kien bennej, flimkien ma' żewġt'aħwa Giuseppi u Mikiel Catania, li ħadmu bħala lavranti.

L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fit-12 ta' Settembru 1965 mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi. Il-knisja ġiet iddedikata lil San Gużepp Ħaddiem ftit snin wara li l-Knisja Kattolika bdiet tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem fl-1 ta' Mejju.

Fl-1 ta' Mejju 1967 kienet iċċelebrata l-ewwel quddiesa u l-knisja saret sagramentali, jiġifieri fiha beda jinżamm is-Sagrament. Iżda kien sena wara, fid-29 t'April 1968, li l-Arċisqof Gonzi berikha. Fis-16 ta' Ġunju 1969, l-Arċisqof Gonzi ħareġ digriet li bih il-knisja ta' San Gużepp Ħaddiem saret viċi-Parroċċa bil-limiti territorjali tagħha u bis-setgħat u bid-dmirjiet kollha ta' parroċċa. L-Arċisqof innomina lill-Kanonku Karm Aquilina, wild Birkirkara, bħala Vigarju Kurat.

Matul is-snin bdew jiżdiedu l-ħidmiet u l-inizjattivi pastorali: aktar quddies u qrar regolari, funzjonijiet fil-festi liturġiċi ewlenin, żjajjar fil-familji, twaqqif ta' għaqdiet reliġjużi, u tagħlim




tal-katekiżmu. Bdew jiġu amministrati s-Sagramenti tal-Magħmudija, tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof. Twaqqaf ukoll l-ewwel Kunsill Pastorali Parrokkjali.

Fil-bidu tas-sebgħinijiet, meta l-knisja kienet għadha Viċi Parroċċa, twaqqaf l-ewwel kumitat tal-festa u fis-27 ta' Ġunju 1971 ġiet organizzata l-ewwel festa titulari f'ġieħ San Ġużepp Ħaddiem. Mis-sena 2007, il-festa parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem bdiet tiġi ċċelebrata fil-ġurnata liturġika – l-1 ta' Mejju.

L-istatwa ta' San Gużepp Ħaddiem li, flimkien mal-istatwa tal-Madonna, kienet xogħol artistiku tal-magħruf Emvin Cremona, iżżanżnet fl-1972. Din l-istatwa nħadmet f'Bolzano mid-ditta Vincenzo Moroder. Il-pedestall, xogħol artistiku wkoll tal-Kavallier Cremona, sar fl-1983. F'digriet maħruġ fid-19 ta' Marzu 1973, l-Arċisqof Gonzi ħabbar li l-viċi-Parroċċa saret Parroċċa bil-Kanonku Aquilina, kif kien jixraq għall-ħidma kbira li kien diġà wettaq, isir l-ewwel Kappillan.

Il-festi tat-twaqqif tal-Parroċċa saru bejn l-Erbgħa 23 u l-Ħadd 27 ta' Mejju 1973, bis-sehem tal-Prepostu Arċipriet u l-Kapitlu tal-Bażilika ta' Santa Liena. Is-Sibt 26 ta' Mejju, il-Kappillan Kanonku Aquilina ngħata l-pussess.

Din il-parroċċa żagħżugħa bdiet tilqa' fiha familji ġodda mill-erbat'irjieħ ta' Malta u beda jinħass il-bżonn li tissaħħaħ il-komunità parrokkjali. Kien għalhekk li bdew isiru pjanijiet biex jinbena Ċentru Parrokkjali li fih tkun tista' titkattar l-edukazzjoni u l-formazzjoni reliġjuża u ssir ħidma pastorali.

Ix-xiri tal-art għaċ-Ċentru sar f'Ġunju 1974 u fit-18 ta' Marzu 1976 tqiegħdet l-ewwel ġebla li tbierket mill-Arċidjaknu Mons Emmanuele Vella u fit-18 ta' Settembru 1978, l-Arċisqof Mons Gużeppi Mercieca inawgura l-ħidma pastorali fiċ-Ċentru. Matul is-snin ngħata spinta qawwija liċ-Ċentru fejn tkomplew is-swali u fl-1987 nbeda l-bini tas-sala ewlenija li fiha palk imdaqqas u tesa' mat-tliet mitt ruħ u b'hekk setgħu jsiru aktar attivitajiet soċjali, reliġjużi, kulturali u drama. Illum f'dan iċ-Ċentru qed isir tibdil strutturali biex ikun aktar komdu, aktar flessibbli u aċċessibbli.

Fit-3 ta' Lulju 1977 qaddes l-ewwel saċerdot mill-parroċċa tagħna – Dun Joe Borg, anke hu minn familtu b'għeruq fondi f'Birkirkara. Mill-istess parroċċa ħarġu diversi vokazzjonijiet ta' qassisin djoċesani, patrijiet u sorijiet matul is-snin. Fil-bidu tal-1980, il-Parroċċa kellha kappillan ġdid, Dun Salvin Micallef, u warajh laħqu dawn il-kappillani: il-Kan Karkariż Vincenz Demicoli, Dun Mario Tong, Dun Michael Bugeja u Dun Josef Mifsud li għadu joffri s-servizzi pastorali sal-lum. Matul is-snin, kull kappillan ta sehmu

biex tissaħħaħ il-ħidma pastorali, twaqqfu għadd ta' kummissjonijiet u gruppi għall-ħidma pastorali, karitattiva u soċjali.



Żdied it-tagħmir fil-knisja. Fis-26 ta' Mejju 1993, f'għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Parroċċa, il-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem, ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. B'hekk din il-Knisja saret ddedikata għal kollox għall-kult divin.

Biex ikun hemm kura pastorali aħjar fl-erja tal-Iklin li kibret ħafna matul is-snin, fl-10 ta' Settembru 1990 twaqqaf Kumitat għar-Residenti tal-Iklin. U nbena ċentru pastorali biex ilaħħaq mal-bżonnijiet pastorali tal-inħawi. Illum dal-qasam inqata' għal kollox mill-Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem.

Matul is-snin il-Parroċċa żviluppat b'mod partikulari. Twieldet fqira u baqgħet fqira, mingħajr xi arkitettura li tiftaħar biha, mingħajr rikkezzi ta' pittura jew skultura, mingħajr tradizzjonijiet speċjali. Il-festa qatt ma ħadet xejra brijuża, bil-banda, logħob tan-nar, splużjonijiet tal-murtali. Inħass li l-emfasi tal-missjoni tagħha kellu jkun il-ħajja spiritwali u reliġjuża tal-membri tal-komunità. Għalhekk komplew jiġu organizzati attivitajiet u ċerimonji reliġjużi li jiġbru flimkien lill-parroċċa fit-talb madwar Ġesu' Ewkaristija. Il-Parroċċa tissemma għall-wirjiet li jsiru fil-Milied u fil-Ġimgħa l-Kbira u f'okkażjonijiet speċjali. Dawn il-wirjiet bdew juru l-kapaċità ta' diversi membri tal-parroċċa biex jipproduċu opri artistiċi sagri.

Matul is-snin, tkabbret il-kollaborazzjoni mal-Patrijiet Tereżjani fil-parroċċa. It-Tereżjani huma parti importanti mill-parroċċa u joffru diversi servizzi liturġiċi, reliġjużi u pastorali matul is-sena. Jieħdu sehem anke fit-tberik tal-familji u f'ċerti ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Din kienet ħarsa ħafifa lejn erbgħin sena ta' storja tal-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Parroċċa li, għalkemm tidher li għadha fiż-żgħożija tagħha, għexet diversi bidliet: bidla fl-għadd kbir ta' bini li żdied b'mod qawwi fit-territorju tal-parroċċa; bidla fl-età medja tal-parruċċani b'età li qed tikber, u bidla fil-mentalità u l-istil ta' ħajja fil-komunità.

Minkejja l-bidliet, erbgħin sena ta' storja jixhdu sisien stabbli biex il-komunità nisranija tikber flimkien: komunità ħajja li tgħożż, temmen, tistqarr u tkun xhieda ta' Kristu.